MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 9/2013/1

**Kenneth Gafa**

**v.**

**Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fit-3 ta’ Lulju 2013, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tieghu bl-ispejjez.

2. Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent qed jitlob: dikjarazzjoni gudizzjarja li l-ammont “ezorbitanti” impost fuqu bhala wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien tieghu mill-arrest preventiv hija leziva tal-artikolu 5 [3] tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u konsegwenzjalment, il-Qorti tordna ir-riduzzjoni tal-imsemmi ammont bhala rimedju effettiv; kif ukoll taghti kumpens xieraq ghad-danni morali sofferti minnu.

3. Fir-rikors tal-appell tieghu r-rikorrent qed jitlob li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi revokata, bl-ispejjez kollha a kariku tal-intimat.

4. Fir-risposta tieghu l-intimat qed jitlob li l-appell tal-konvenut jigi michud, u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

**Il-Fatti**

5. Dawn jinsabu sufficjentement rapportati fis-sentenza appellata li, fil-parti relevanti taghha, taqra hekk:

“Illi jirrizulta li r-rikorrent ghaddej proceduri kriminali quddiem il-qorti kompetenti peress li jinsab akkuzat b’omicidju u ilu arrestat sa mill-11 ta’ Dicembru 2010. Wara certu zmien, ir-rikorrent beda jitlob il-helsien mill-arrest, izda t-talbiet tieghu dejjem gew michuda. Wara li kien ilu detenut kwazi hmistax-il xahar u nofs, ressaq kawza quddiem din il-Qorti (rikors numru 22/12) fejn talab li jigi dikjarat li z-zamma tieghu taht arrest kienet qed tkun bi ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Kemm din il-Qorti, bis-sentenza taghha tas-27 ta’ Gunju 2012, kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, bis-sentenza tat-23 ta’ Novembru 2012, cahdu l-ilment tar-rikorrent, bazikament ghax ma kinux tal-fehma li hu seta’ jaghti garanziji sufficcjenti skont il-ligi.

“Gara li, iz-zmien tal-arrest massimu impost mil-ligi eventwalment skada u r-rikorrent kien intitolat illi jinghata l-helsien mill-arrest. Huwa, fil-fatt, inghata dan il-helsien fit-22 ta’ Awwissu 2012, pero’, skont hu, taht kundizzjonijiet li jaghmluha difficli ghalih li jgawdi mil-liberta’ koncessa lilu. Ir-rikorrent qieghed, prattikament,

jilmenta mid-depozitu ta' €15,000 li gie mitlub jaghmel bhala garanzija ghall-helsien mill-arrest. Ir-rikorrent jilmenta illi hu ma ghandux il-mezzi biex ihallas din is-somma u qieghed, ghalhekk, jigi ingustament imcahhad mid-dritt tieghu ghal-liberta' provizorja."

6. Ma' dan jizdied li, fil-mori tal-appell, fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2013, id-difensur tar-rikorrent informa lil din il-Qorti *"illi zmien qasir qabel gie intavolat l-appell Kenneth Gafa` hareg bil-liberta` provvizorju wara li xi familjari tieghu bejniethom taw garanzija fuq proprjeta` immobbli indiviza taghhom fejn sahansitra kellhom jigu involuti zijiet u anke kugini tal-appellant."*

11. Fil-fatt jirrizulta mill-atti tal-proceduri kriminali li r-rikorrent, wara li kien ghamel zewg rikorsi ohra li bihom talab li l-ammont tad-depozitu jigi ridott, liema rikorsi gew michuda principalment tenut kont tal-gravita` tal-reat u l-piena li dan igorr mieghu, ir-rikorrent permezz ta' rikors iehor prezentat fis-22 ta' Lulju 2013[1] talab li l-Qorti Kriminali taccetta bhala garanti lill-ommu, Joan Gafa`. Il-Qorti Kriminali, wara li ezaminat id-dokumenti prodotti kif ukoll ix-xhieda tal-imsemmija Joan Gafa` moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati, laqghet it-talba tar-rikorrent u accettat li ommu taghmel tajjeb b'ipoteka fuq fond appartenenti lilha u lill-familja taghha, bhala garanti ghall-osservanza tal-kundizzjonijet li tahthom ir-rikorrenti binha kien inghata l-liberta` provvizorja.

**Is-Sentenza Appellata**

12. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talbiet tar-rikorrent wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*Ghalhekk, darba stabbilit li l-Qorti Kriminali kienet gia' accettat li r-rikorrent kellu effettivament jinghata l-liberta' provizorja kien jinkombi fuqha li tistabbilixxi taht liema kundizzjonijiet xierqa r-rikorrent kellu jigi mehlus billi jipprovdi garanzija adegwata li tassikura li huwa jidher ghas-smigh tal-process. La darba dawn il-garanziji kienu*

[1] Fol.832

*ser jinkludu wkoll depozitu ta' flus, din il-kundizzjoni pekunarja kellha tigi kkunsidrata b'referenza ghall-persuna u l-mezzi tal-imputat u r-relazzjoni tieghu ma' min seta' jaghti garanzija ghalih. Ghalhekk, il-Qorti Kriminali kellha tara liema l-mezzi kellu disponibbli l-imputat qabel tiddetermina l-ammont tal-garanzija biex b'hekk tistabbilixxi liema ammont kien, fid-diskrezzjoni taghha, adegwat biex jissodisfa dawn il-kriterji. L-ewwel Qorti stabbiliet li dan l-ezercizzju ma sarx ghalhekk ghaddiet biex taghmel l-ezercizzju hi.*"

"Dan ifisser li l-kundizzjonijiet marbuta mal-ghoti ta' helsien mill-arrest ma ghandhomx jigu stabbiliti in vacuo, izda jrid jittiehed in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-kundizzjoni finanzjarja tal-akkuzat.

"Kif qalet, pero', il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja, b'sede fi Strasbourg, fil-kaz "Iwanczuk v. Poland", deciza fil-15 ta' Novembru, 2011:

"*The accused whom the judicial authorities declare themselves prepared to release on bail must faithfully furnish sufficient information, that can be checked if need be, about the amount of bail to be fixed.*"

"F'dan il-kaz, ma jidhirx li r-rikorrent issodisfa dan l-obbligu impost fuqu. Hu jghid li ghamel zmien jaghmel diversi xoghlijiet bhal bus driver, horse trainer u affarijiet ohra, izda minn mindu gie arrestat ma jistax ikompli jahdem. Kien dmir tar-rikorrent li, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, juri kemm kien il-qligh tieghu, x'ghandu mfaddal u jressaq prospett tal-assi kollha tieghu. Huwa pprezenta kopja tas-self-assessments li pprezenta ghall-fini tat-taxxa fuq id-dhul ghas-snin bazi 1998 – 2011, pero', aktar minn hekk ma ghamel xejn. Jekk akkuzat jissottometti li d-depozitu ta' flus irid ikun baxx, irid hu juri sa fejn jista' jasal, u dan billi jindika b'mod fidil xi proprjeta' jew gid ghandu, anke, jekk hemm bzonn, billi jipprezenta ricerki mir-Registru Pubbliku dwar l-immobbli li jista' jipposjedi; hu jrid juri mhux biss li ma ghandux flus biex iservu bhala depozitu, izda wkoll li jinsab fl-impossibilita' oggettiva, li jsib il-mezzi mehtiega. Irid juri wkoll li ma jirnexxielux isib persuni li

joffru li jghinuh billi jidhlu garanti. Hu biss b’dan il-mod, li l-akkuzat ikun qed iwettaq l-obbligu “*to faithfully furnish sufficient information*” biex il-qorti kompetenti tkun tista’ verament tasal ghall-gudizzju oggettiv taghha. Jekk l-akkuzat jonqos milli jwettaq dan l-obbligu tieghu, ma jistax wara jilmenta li l-qorti ma kinitx gusta mieghu.

“A bazi tal-provi prodotti mill-istess rikorrent, u meta tqis il-gravita’ tar-reat u l-piena applikabbli, din il-Qorti ma tarax li l-qrati b’kompetenza kriminali kienu mhux gustifikati jew irragjonevoli fil-kundizzjonijiet marbuta mal-helsien mill-arrest. Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fit-23 ta’ Novembru 2012, li r-rikorrent ma kienx jaghti fiducja li ma kienx se jkun hemm “*intralc fil-provi*”, u alavolja, quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-prova taghha (u dan fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2013), xorta jrid jibqa’ garantit li l-provi jibqghu ma jitmessewx, u allura l-htiega ta’ garanzija adegwata u xierqa.

“Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tilqa’ t-talba tar-rikorrenti ghax ma weriex li quddiem il-qrati kompetenti ressaq bizzejjed evidenza biex ikun jista’ jsostni l-argumenti tieghu li dawk il-qrati imponew “ammont ezorbitanti” bhala depozitu.

**L-Appell**

13. Fl-aggravju tieghu r-rikorrent jghid hekk.

14. Li l-ewwel Qorti, filwaqt li iccitat bran mis-sentenza **Iwanszuk v. Poland** tal-15 ta’ Novembru 2001, naqset milli tindika li f’dak il-kaz il-Qorti Ewropea kienet sabet vjolazzjoni “ghax minkejja illi kien hemm id-dritt tal-helsien mill-arrest, l-awtoritajiet Pollakki damu biex adegwaw il-kundizzjonijiet ghall-helsien sa erba’ xhur wara”.  Fil-kaz odjern, ir-rikorrent se jkun ghalaq sena minn mindu kellu, mhux koncessjoni, imma dritt tal-liberta` provvizorja.

15. Rigward il-mezzi tieghu, ir-rikorrent jghid li l-ewwel Qorti osservat li suppost ghamel ir-ricerki fir-Registru Pubbliku u jipprezentahom, u jargumenta li:  *“Jekk huwa ripetutament kien jghid li flus m’ghandux u l-fatti juru illi ilu*

*sena u ma harigx, dik hija, mhux prova indizzjarja, imma hija prova certa illi dawk il-mezzi m'ghandux….. Min ser joqghod il-habs sena meta ghandu hmistax-il elf euro li jghamilhom biss bhala depozitu u meta jinqata' l-kaz jirtirahom?"*

16. Jghid ukoll li, l-prosekuzzjoni kellha d-dettalji kollha tieghu, u ghalhekk kellha l-mezzi sabiex taghmel ricerka fuq ir-rikorrent dwar il-proprjeta` immobbli li seta' ghandu, u wkoll kellha d-dritt li titlob ordni mill-Qorti sabiex il-banek jigu mistoqsija dwar kellux depoziti bankarji.

17. Jghid li hi *"aktar inkwetanti"* il-parti tas-sentenza fejn jinghad illi meta l-Qorti tqis il-gravita` tar-reat u l-piena applikabbli, kienu gustifikati fil-kundizzjonijiet li mponew il-Qrati kriminali.

18. B'referenza ghall-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-23 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet **Kenneth Gafa` v. Avukat Generali**, fejn kien inghad li r-rikorrent ma jaghtix fiducja li ma jkunx hemm intralc tal-provi, ir-rikorrent jghid li *"din kienet acqua passata ghax l-iStat kien naqas anke fit-termini tassattivament imposti fuqu stess illi jikkonkludi l-kumpilazzjoni*".

19. Huwa jsemmi l-kaz **Mikalauskas v. Malta** deciz mill-Qorti Ewropea fit-23 ta' Lulju 2013[2].

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

20. In tema legali jigi osservat li l-fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-ammont tal-garanzija huma mfissra hekk fl-Artikolu 576 tal-Kodici Kriminali li jaqra hekk:

"….l-ammont tal-garanzija ghandu jkun fil-limiti stabbiliti mill-ligi, skont il-kundizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalita` tar-reat u z-zmien tal-piena li ghaliha ir-reat ikun suggett."

---

[2] Appl.4458/10

21. Il-kazistika, kemm lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea identifikat is-segwenti principji relevanti ghall-vertenza in ezami, u li jinsabu elenkati minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **The Police v. Austine Eze and Osita Anagboso Obi**, [Q.Kos. 49/2012 deciza fil-25 ta' Ottubru 2013]:

..“There must be a proportion of reasonableness between the amount to be deposited by applicant for his release on bail, and his financial circumstances. The level of bail set out should not be set out too high, and should not be aimed at reparation of loss, but to ensure the presence of the accused. [see ECHR ***Neumeister*** *supra,*.13-14***; Mangouras,*** *supra* – para.78; Q.Kos. **Richard Grech v. Avukat Generali** – 28 May 2010; Q.Kos **Mario Pollacco v. Kummissarju tal-Pulizija** – 6 Ottubru 1999];

….. “The authorities must take as much care in fixing appropriate bail as in deciding wheter or not the accused' continued detention is indespensible” [ see ***Mangouras***, supra para.79, and cases cited in this part of the judgment]

….. “the guarantee provided for by Article 5 § 3 of the Convention is designed to ensure the presence of the accused at the hearing. Its amount must therefore be “assessed principally by reference to him [and] his assets... in other words to the degree of confidence that is possible that the prospect of loss of the security... in case of his non-appearance at the trial will act as a sufficient deterrent to dispel any wish on his part to abscond” (see *Neumeister v. Austria*, judgment of 27 June 1968, Series A no. 8, p. 40, § 14). The accused whom the judicial authorities declare themselves prepared to release on bail must faithfully furnish sufficient information, that can be checked if need be, about the amount of bail to be fixed. As the fundamental right to liberty as guaranteed by Article 5 of the Convention is at stake, the authorities must take as much care in fixing appropriate bail as in deciding whether or not the accused's continued detention is indispensable (see *Iwańczuk v. Poland*, no. 25196/94, § 66, 15 November 2001 and *Bojilov v. Bulgaria*, no. 45114/98, § 60, 22 December 2004 with reference to

*Schertenleib v. Switzerland*, no. 8339/78, Commission's report of 11 December 1980, Decisions and Reports 23, p. 196, §171*).[ECHR* **Toshev v. Bulgaria** *Appl.56308/00* ***para.68*** *– 10 August 2006]*.

……. "In **Salvatore Gauci v. Avukat Generali**[3] decided on the 31 July 1998, this Court held that according to local case-law in establishing the amount to be deposited as security, the Court must also consider other circumstances, such as the gravity of the charge and the danger to society. The reasonableness of the *quantum* of the security should not be gauged simply by examining whether the accused is in a position to deposit the amount fixed or to obtain another alternative security, but due consideration should also be given to the objective criteria in determing the *quantum* of the security.

22. Fil-mertu, u tenut kont tal-punti sollevati mir-rikorrenti fl-aggravju tieghu, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

23. [a] Kif deciz kemm mill-Qorti Ewropea, kif ukoll minn din il-Qorti, l-oneru tal-prova li l-ammont tad-depozitu huwa gholi wisq ghar-rikorrent tenut tal-mezzi tieghu, jew nuqqas taghhom, tirrisjedi fuqu li, fil-limiti tal-possibbilitajiet tieghu, ghandu jforni lill-Qorti kull informazzjoni relevanti ghall-mezzi finanzjarji tieghu, kif ukoll ghall-possibbilita` reali li huwa jressaq garanti li fil-fehma tal-Qorti jkun idoneju biex jiggarantixxi l-osservanza tal-kundizzjonijiet imposti. Dan jinsab ribadit mill-ewwel Qorti, u din il-Qorti tikkonfermah.

24. [b] Inoltre, ir-rikorrent ghandu jaghmel hiltu kollha, u jressaq provi fir-rigward, li huwa kien ipprova inutilment isib persuna idoneja biex toqghod bhala garanti ghalih. Fil-kaz in ezami jirrizulta manifest din it-triq ma kienitx giet esplorata minnu, tant li kien, wara diversi talbiet ghar-riduzzjoni tal-ammont, li eventwalment ressaq lil ommu bhala garanti b'ipoteka fuq fond appartenenti lilha u lil hutha u li kienet tghix fih hi. Il-Qorti tosserva li dan il-fond

[3] Vol.LXXXII.1.140

ma giex ghand omm ir-rikorrent fiz-zmien li sar l-ahhar rikors[4], izda kien ilu fil-pussess taghha ghal certu zmien, tant li tghix fih, u ma nghatat ebda spjegazzjoni la da parti taghha meta xehedet quddiem il-Qorti tal-Magistrati u lanqas da parti tar-rikorrent ghaliex kien biss f'dak l-istadju li hu ressaq lil ommu, *proprio et nomine* bhala garanti. Fi kliem iehor, ma tirrizultax ir-raguni ghaliex din il-garanzija ma tressqitx qabel, *multo magis*, fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent kien dam mizmum taht arrest preventiv ghal certu zmien.

25. [c] Il-konsiderazzjonijiet premessi jdghajfu dik il-parti tal-aggravju tar-rikorrent fejn dan, b'referenza ghal kaz **Iwanszuk v. Poland**,[5] jghid li l-Qorti Ewropea kienet sabet vjolazzjoni ghax il-qrati Pollakki kienu damu erba' xhur biex jaggustaw il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest preventiv, filwaqt li l-qrati Maltin damu kwazi sena. Jekk dan hu hekk, huwa minnu wkoll li, kif fuq spjegat, ir-rikorrent, legalment assistit, naqas li jesplora t-triqat kollha sabiex jissodisfa lill-Qrati Maltin b'garanzija adegwata u idoneja ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-liberta` provvizorja fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 577 s-sub-inciz [1] li *"Il-garanzija ssir billi jingieb plegg tajjeb, li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita."*

26. Ghalhekk fin-nuqqas ta' spjegazzjoni adegwata ghaliex ir-rikorrent gab l-imsemmija garanzija f'dak l-istadju, u mhux qabel, ma jistax issa jissottometti validament li biz-zmien li ghamel taht arrest preventi gie lez id-dritt fundamentali tieghu ghal-liberta`.

27. [d] Rigward dik il-parti tal-aggravju fejn ir-rikorrent jilmenta li l-prosekuzzjoni naqset meta, filwaqt li kellha d-dettalji tieghu, ma ghamlitx l-indagini hi fuq il-mezzi finanzjarji tar-rikorrent, il-Qorti tosserva li, kif fuq gja` osservat, l-oneru tal-prova tal-mezzi, jew nuqqas taghhom, taqa' principalment fuq ir-rikorrenti li jkun qed

---

[4] Mid-dokumenti annessa man-nota prezentata mir-rikorrent fit-30 ta' Lulju 2013 fl-atti tal-kumpilazzjoni, jirrizulta li Giovanna Gafa` u hutha kien wirtu l-post mal-mewt ta' missierhom fil-11 Frar 1991, u li l-istess Giovanna Gafa` kiene tabita fih. [Vol.4 fol.848 – atti tal-kumpilazzjoni]

[5] Supra

jallega l-fatt li l-ammont tal-garanzija huwa sproporzjonat ghall-mezzi tieghu. Principalment huwa r-rikorrent li jaf x' ghandu u x' m'ghandux, u ghalhekk ghandu l-obbligu legali rikonoxxut mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' *"faithfully furnish sufficient information that can be checked if need be."* *Dan* l-obbligu jirrisjedi fuq ir-rikorrent u huwa fl-interess tieghu li jezegwih bl-ahjar mod possibbli ghalih. Dan japplika b'aktar qawwa fil-kaz in dizamina peress li fix-xhieda tieghu r-rikorrent jghid li qabel ma dahal il-habs huwa kien jaghmel *"diversi xoghlijiet bhal bus driver, horse trainer u affarijiet ohra"*[6] , u ghalhekk, b'differenza mill-kaz ta' persuna li kienet tghix bir-*relief*, il-fatt li dan kien jahdem u jaqla' l-flus, jirrendi aktar opportun il-htiega li dan jaghti lill-Qorti l-informazzjoni kollha dwar il-mezzi tieghu, kif korrettament osservat l-ewwel Qorti.

28. [e] Rigward l-ilment tar-rikorrent li hu jikkonsidra nkwetanti l-osservazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti meta kkonsidrat li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati kienu gustifikati meta wiehed iqis il-gravita` tar-reat u l-piena applikabbli, din il-Qorti tistqarr li ma tifhimx il-bazi tal-inkwiet tar-rikorrenti. Il-ligi stess fl-Artikolu 576 tiddisponi b'mod car il-fatturi li ghandhom jigu meqjusa, flimkien, fil-komputazzjoni tal-ammont tal-garanzija. Fost dawn il-fatturi hemm, ix-xorta u l-kwalita` tar-reat u l-piena applikabbli, li f'dan il-kaz huma dak ta' omicidju volontarju, b'piena massima ta' ghomor habs. Huwa minnu li l-ligi ssemmi bhala fattur il-kundizzjoni tal-imputat, izda dan m'ghandux jittiehed in izolament mill-fatturi l-ohrajn, u l-Qorti li tiffissa l-ammont tal-garanzija ghandha tezamina dawn il-fatturi flimkien u mhux separatament. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, hi tal-fehma li l-ammont tad-depozitu ta' €15,000, mehudin in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija fl-artikolu precitat huma fic-cirkostanzi gustifikati, *multo magis*, tenut kont tal-fatt li l-Artikolu 577 fuq citat jaghti l-fakolta` li tingieb "plegg tajjeb"; liema fakolta` giet eventwalment ezercitata mir-rikorrent billi ressaq lil ommu bhala garanti.

---

[6] Fol.18

29. [f] Rigward il-biza’ ta’ intralc fil-provi, ir-rikorrent jghid li dak li kienet qalet din il-Qorti fis-sentenza tat-23 ta’ Novembru 2012, fis-sens li r-rikorrent ma jaghtix fiducja li ma jkunx hemm intralc tal-provi, hija *acqua passata* ghax l-iStat kien naqas anke fit-termini tassattivament imposti fuqu stess li jikkonkludi l-kumpilazzjoni  Din il-Qorti tosserva li, fil-kaz in dizamina, dan il-fattur baqa’ jissussisti tul il-proceduri kriminali kollha u ghalhekk, il-qrati kriminali, fil-komputazzjoni tal-ammont tad-depozitu u tal-garanzija intitolati jiehdu in konsiderazzjoni dan il-fattur b’mod li r-riskju tal-intralc tal-provi jigi minimizzat kemm jista’ jkun bil-kundizzjonijiet tal-liberta` provvizorja.  Altru milli *acqua passata* !  Bizzejjed wiehed jara l-osservazzjoni li kienet ghamlet din il-Qorti fis-sentenza citata dwar il-karattru tar-rikorrent, fejn qalet hekk:

“Meta jitqies li r-rikorrent hu imputat b’omicidju volontarju li jgib mieghu l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tqis li l-periklu ta’ intralc fil-prova da parti tar-rikorrent huwa perikolu reali meta jitqies dak li jirriskja r-rikorrent f’kaz ta’ sejbiet ta’ htija partikolarment meta mill-provi jidher li r-rikorrent kien wera atteggjament intimidatorju fil-konfront mhux biss tal-vittma tal-allegat reat ta’ omicidju volontarju, izda anke fil-konfont ta’ bintha u haddiehor.”[7]

30. [g] Rigward il-kaz **Mikalauskas v. Malta** li, skont ma jghid ir-rikorrent fl-aggravju tieghu huwa kien *qed “jistenna bil-herqa s-sentenza”* li nghatat fit-23 ta’ Lulju 2013, u li fil-fehma tieghu *“jista’ jkollha impatt fuq dan il-kaz”,* din il-Qorti tosserva li dan il-kaz, ghalkemm jittratta wkoll l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, ftit li xejn jista’ jkun ta’ konfort ghar-rikorrent, anzi mill-fatti ta’ dak il-kaz johrog aktar car in-nuqqas tar-rikorrent li jipprovdi informazzjoni dwar il-mezzi finanzjarji tieghu.

31. Fil-kaz ***Mikalauskas*** ir-raguni principali li kagun taghha l-Qrati Maltin cahdu ghal diversi drabi t-talba tieghu ghall-ghoti mill-helsien preventiv, kienet li Mikalauskas, gradwat fil-*accountancy* u akkuzat b’reati relatati mal-ispacc tad-droga, ma kellux rabtiet ma’ Malta.

---

[7] Para.33

Ghal din ir-raguni, minkejja li dan gab prova *"showing that financial support was available from his relatives..",* minkejja li ressaq "*character reference"* maghmula mill-konslu ta' pajjizu, u minkejja provi ohra mressqa minnu, ma kienx inghata l-helsien mill-arrest preventiv minhabba li *"he had no other ties with Malta"*[8].

32. Meta eventwalment l-imsemmi Mikalauskas inghata l-helsien mill-arrest b'depozitu inizjali ta' €50,000 huwa baqa' mizmum taht arrest, sakemm dan gie eventwalment ridott ghal €30,000, wara li l-Qorti tal-Magistrati rat id-dokumenti relatati mal-introjtu tal-genituri tieghu.

33. Mill-premess johrog car li, apparti mill-fatt li r-raguni principali tac-cahda mill-helsien mill-arrest preventiv fil-kaz ta' Mikalauskas kienet differenti minn dik li ghaliha kien qed jigi mizmum ir-rikorrent, fl-imsemmi kaz l-applikant kien gab provi dwar il-mezzi finanzjarji ta' qrabatu, kif ukoll tal-genituri tieghu, filwaqt li fil-kaz tar-rikorrenti dan strah fuq l-allegazzjoni tieghu li, ghalkemm qabel ma dahal il-habs kien jahdem u kien jaghmel diversi xoghlijiet, izda naqas li jaghti stampa cara tal-pozizzjoni finanzjarja tieghu jew ta' qrabatu li setghu jaghmlu garanti ghalih. Fil-fatt irrizulta li ommu kellha mezzi sufficjenti sabiex, flimkien ma' hutha, taghmel tajjeb ghalih.

34. Rigward id-dover ta' diligenza din il-Qorti tinnota li l-process kumpilatorju quddiem il-Qorti tal-Magistrati wasal fl-istadju finali tieghu, u ghalhekk, sad-data ta' din is-sentenza ma jistax jinghad li hemm lezjoni tal-Artikolu 5[3] tal-Konvenzjoni, ghalkemm tonqos jekk ma tosservax li ma hemmx aktar raguni gustifikattiva ghaliex dak il-process ma jinghalaqx mill-aktar fis.

35. Ghalhekk l-aggravju huwa nfondat fl-intier tieghu.

<u>Decide</u>
Ghaldaqstant tiddeciedi billi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

---
[8] Para.15

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------